# 09 ILJIELI MDALLMA



Ma’ dawn ir-responsabiltajiet Gesu’ ried li Swor Fawstina timplimenta l-kuncett ta’ kongregazzjoni gdida.

Ghal-l-ewwel Swor Fawstina hasbet li Gesu’ riedha li thalli l-kongregazzjoni u twaqqaf ordni kontemplattiva. Kien b’dan il-hsieb li fil-1 ta’ Marzu 1936 halliet Vilnius. Fi triqtha lejn  Walendów waqqfet gewwa Varsavja fejn kellha l-opportunita’ li taqsam hsibijietha mal-Madre Generali Michaela Moraczewska li maghha kienet dejjem tiftah qalbha.

Wara li semghet dak kollu li kellha tghidilha, il-Madre Generali wegbitha li ghal dak il-mument kienet ir-rieda ta’ Alla li tibqa’ fil-kongregazzjoni

fejn ghamlet il-voti perpetwi. Qaltilha wkoll li din il-hidma li xxerred il-Hniena Divina kif Gesu' kien qed jitlobha kienu hwejjeg sbieh hafna ghaliex kieku Satana ma kienx jopponi daqshekk bil-kbir. Madankollu wissietha biex ma tghaggilx bl-idea li twaqqaf kongregazzjoni gdida ghaliex jekk l-idea gejja min Alla, zgur li issehh meta jkun il-waqt.

Wara xi gimghat gewwa Walendów hija marret fid-dar tal-kongregazzjoni gewwa Derdy fejn kienet issajjar ghal grupp zghir ta' sorijiet u tletin persuna ohra. Swor Serafina Kululska li kienet tghinha tistqarr li hija kienet tfajla li kkonvertit bis-sahha taghha; u minhabba l-karattru difficli taghha hadd ma ried jahdem maghha.  Pero' kienet Swor Fawstina li biddlitha ghal kollox, tistqarr din is-soru. Ma kienx hemm xi hafna xoghol x'taghmel gewwa Derdy u Swor Fawstina hassitha li kienet qisha tghix vakanza. Kellha thalli dan il-kunvent biex tmur Krakovja fejn kien hemm facilitajiet ahjar ghall-kura tat-tuberkolosi. Ittamat li meta tidhol f'dik id-dar ikun ghaliha l-pass finali biex twettaq il-pjanijiet ta' Alla rigward it-twaqqof ta' kongregazzjoni gdida.

Ghalkemm fehmet li l-"kongregazzjoni l-gdida" maghmulha anke minn lajci, kellha tkun ta' beneficcju ghall-knisja,  hija kienet ghadha konvinta li r-responsabilita' taghha kellha tkun li twaqqaf ordni kontemplattiva. Hekk kitbet lil Padre Sopoćko f'April tas-sena 1936. Mal-wasla taghha gewwa Krakovja, hija ltaqghet ma' Padre Andrasz li taha parir li tibqa' titlob u taghmel penitenza sal-Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Gesu'; imbaghad huwa kellu jaghtiha risposta ghad-diffikulta' taghha.

Tant kienet iebsa l-pressjoni fuq il-menti taghha li Swor Fawstina ma qaghditx tistenna sal-festa tal-Qalb ta' Gesu', imma qalet li Paere Andrasz waqt il-konfessjoni taghha ta' matul il-gimgha li hija ddecidit li thalli il-Kongregazzjoni. Id-direttur spiritwali taghha osservalha li la

darba hadet din id-decizzjoni, hija kellha terfa' ir-responsabilita' kollha fuq spallejha. Ghal l-ewwel kienet ferhana li ser thalli, imma l-ghada hassihta li dlamijiet hakmuha u li l-presenza ta' Alla tilfitha. Ghaldaqstant hija ppostponiet b'gimgha d-decizzjoni taghha sal-qrar ta' wara .

Ghal l-ewwel il-Madre Generali ma accettatx it-tluq taghha mill-Kongregazzjoni, u avzat lil Swor Fawstina li toqghod attenta mid-deluzjonijiet u mprudenza. Kompliet tghidilha l-Madre*: " Sal-lum, Sor, dejjem zammejtlek, imma issa inhallik f'liberta' assoluta biex taghzel kif tixtieq inti, tista' thalli l-kongregazzjoni jew tibqa'." (Djarju 1115).* Dan gara fl-4 ta' Mejju tas-sena 1937.

Swor Fawstina ddecidiet li thalli l-kongregazzjoni u mill-ewwel kitbet lill-Papa ghad-dispensa tal-weghdiet taghha. U ghal darb'ohra ruhha kienet hekk imhawda u mdallma li marret tigri fil-kamra tal-Madre biex tghidilha bit-tribulazzjoni taghha u l-glied li kellha maghha nnifsha.

Dan kien l-ahhar attentat biex thalli l-Kongregazzjoni, imma il-glieda spiritwali baqghet. Hekk kitbet fid-Djarju taghha: "*Hadd ma jista' jifhem anqas jiena nnifsi ma nista' niddeskrivi t-turmenti li ghaddejha minnhom. Ma hemm ebda tbatija akbar minn din. Is-sofferenza tal-martri ma humiex akbar ghaliex f'mumenti bhal dawn, il-mewt kienet iggibli serhan. Ma xejn ma nista' nipparaguna dawn is-sofferenzi tieghi, agunija bla waqfien tar-ruh tieghi." (Djarju 1116)*

Din il-battalja spiritwali kienet qed tippurifikalha ruhha. Mohha, ir-rieda taghha, il-memorja l-emozjoni u s-sensi kollha taghha kienu qed jissottomettu ruhhom ghar-rieda ta' Alla u jhejjulha ruhha ghal ghaqda shiha ma' Alla. Alla ma jibghatx soffrenza aktar milli wiehed jiflah, kienet spiss tghid ghaliex aktar ma' tkun iebsa t-tbatija, aktar tkun akbar il-grazzja ta' Alla. F'dan il-jiem ta' dwejjaq Alla kien jaghtiha mumenti ta'

serhan u ferh kbir. Hija tiddeskrivi waqt wiehed minn dawn il-mumenti: *" F'daqqa wahda rajt lill-Mulej Gesu' li qalli – Issa naf li inti thobbni mhux ghax naghtik bosta grazzji jew doni, izda ghaliex ir-Rieda tieghi hija aktar prezzjuza minn hajtek. Ghalhekk jiena qed ninghaqad mieghek intimament." U f'dak il-mument Gesu' gheb. Ir-ruh tieghi kienet mimlija bil-presenza ta' Alla. Naf li l-harsa tas-Setghani qieghda fuqi. Jiena ntlaqt kompletament fil-ferh li gej minn Alla. Hekk komplejt mghaddsa f'Alla matul il-jum minghajr interruzzjonijiet (Djarju 707 – 708)*

F'Gunju tas-sena 1937 hija nizzlet fid-djarju taghha l-programm finali tax-xoghol li kelha taghmel, li kien wiehed, izda kellu tlett kapitli. L-ewwel kapitlu kien jikkonsisti minn dawk l-erwieh li jkunu separati mid-dinja, li jissagrifikaw ruhhom quddiem il-Maesta Divina, jitolbu hniena ghad-dinja kollha u jhejjuha ghat-tieni migja ta' Kristu. It-tieni kapitlu kellu jkun dawk il-kongregazzjonijiet attivi li jghaqqdu t-talb taghhom ma' atti ta' hniena u jpoggu l-imhabba hanina ta' Alla prezenti f'dinja egoistika. It-tielet kapitlu kellu jkun maghmul minn nies kollha li bl-atti ta' hniena f'isem il-proxxmu taghhom, bil-kliem u bit-talb u ghal imhabba ta' Gesu' kellhom itemmu d-doveri ta' dan ix-xoghol.

Li tilhaq dan l-objettiv mhux biss gabilha hafna tbatijiet lil Swor Fawstina, imma ressaqha f'ghaqda kompleta ma' Gesu' f'dak li huwa maghruf bhala z-zwieg mistiku. Purifikata waqt il-prova, il-qawwiet ta' ruhha ma gabulhiex izjed oppozizzjoni; ir-raguni taghha flimkien mar-rieda taghha xtaqu biss lil Alla u dak kollu li ried Alla. Il-Mulej kien qed ihejjiha ftit ftit biex tircievi id-don taz-zwieg mistiku. F'dak il-mument Dawl Divin nifdilha lir-ruhha u hasset li kienet tappartieni esklussivament lil Alla u jiena esperjenzajt il-helsien totali spiritwali (Djarju 1681). Issa kien biss velu irqieq ta' fidi li kien jisseparaha mill-ghaqda ma' Alla, ghaqda li biss il-qaddisin tas-sema jgawdu.